**FIT - TRIBUNAL GHAL TALBIET ZGHAR**

**Gudikatur: Dr. Philip M. Magri LL.D; M.A. (Fin.Serv); M.Phil (Melit)**

**Seduta ta' nhar it-Tnejn, 1 ta' April, 2019**

**Talba Nru: 3/2019PM1**

**E. Ferris & Sons Limited (C3384)**

**Vs**

**(1) V12 Limited (C59655)**
**(2) Giancarlo Santaera (K.I. 107882(A))**

**It-Tribunal,**

Ra l-avviz fl-ismijiet premessi pprezentat fil-hmistax (15) ta' Jannar, 2019 permezz ta' liema s-socjeta` attrici talbet li l-intimati jew min minnhom jigu kkundannati jhallsu is-somma ta' tlett elef tliet mija erbgha sittin euro hamsa u disghin centezmu (€3,364.95) rapprezentanti in kwantu ghall-ammont ta' €2,426 bilanc illi ghadu dovut mill-konvenut jew min minnhom lill-kumpannija attrici skont ftehim datat 26 ta'Marzu, 2018 (Dok. 'A' anness mal-avviz) u in kwantu r-rimanenti parti ta' €938.95 ammont illi giet imgieghla thallas is-socjeta` attrici (Dok. 'B' anness mal-avviz) izda li kienu obbligati jhallsu il-konvenuti jew min minnhom ai termini tal-ftehim premess bl-imghax bir-rata legali mid-dati premessi sad-data tal-hlas effettiv u bl-ispejjez kollha relatati ma' din il-kawza inkluzi l-ispejjez ta' kwalunkwe mandat li jista' jigi prezentat rigwardanti l-prezenti avviz kontra l-konvenuti ingunti in subizzjoni.

Ra d-dokumenti annessi mal-avviz tat-talba.

Ra li mill-atti jirrizulta li ghalkemm il-konvenut Giancarlo Santaera gie debitament notifikat bl-Avviz, ma kkontestax il-kawza fit-terminu preskritt mill-Ligi u lanqas ma deher ghas-seduta tat-28 ta’ Marzu, 2019 u lanqas ghas-seduta ta’ llum.

Ra l-Kapitlu li gie pprezentat mir-rapprezentant legali tas-socjeta` attrici limitatament fil-konfront tal-intimat Santaera fis-seduta tat-28 ta’ Marzu, 2019 u fil-fatt l-intimat ma deherx sabiex jirrispondi ghalih.

Ha konjizzjoni tac-cirkostanzi kollha tal-kaz.

Illi n-nota tal-mistoqsijiet tisthoqq li tkun emmnuta u ghalhekk ghandha tittiehed bhala mistqarra. L-ammont mitlub jinsab ukoll konfermat mid-dokumenti annessi mal-istess avviz tat-talba, senjatament il-ftehim li l-intimat Santaera iffirma wkoll f’ismu personali.

Ghaldaqstant, peress illi t-talba tas-socjeta` attrici tirrizulta sodisfacentement ippruvata fir-rigward tal-intimat Santaera, it-Tribunal jilqa’ it-talba u jikkundanna lill-konvenut Giancarlo Santaera  sabiex ihallas lis-socjeta’ attrici is-somma mitluba ta’ tlett elef tliet mija erbgha  sittin euro hamsa u disghin centezmu (€3,364.95) rapprezentanti in kwantu ghall-ammont ta’ €2,426 bilanc illi ghadu dovut skont il-ftehim datat 26 ta’Marzu, 2018  u in kwantu r-rimanenti parti ta’ €938.95 ammont illi giet imgieghla thallas is-socjeta` attrici izda li kien obbligat ihallas il-konvenut Santaera ai termini tal-ftehim premess bl-imghax bir-rata legali mid-data tas-sentenza odjerna. It-Tribunal jordna l-prosegwiment tal-kawza odjerna kontra s-socjeta` konvenuta u jirrizerva l-ispejjez ghall-gudizzju finali.

**Avukat Dr. Philip M. Magri LL.D. M.A. (Fin. Serv.) M.Phil.**

**Gudikatur**